

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2015 – Unicorn vs UASI – Mercilink Equipment Leasing  
(UNICORN)**

**(Kawża T-125/15)**

(2015/C 171/36)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Unicorn a.s. (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: L. Lorenc, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Mercilink Equipment Leasing Ltd (Limassol, Ċipru)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

Applikant: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkontestata: it-trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "UNICORN" – Trade mark Komunitarja Nru 11 014 701

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tat-13 ta' Jannar 2015 fil-Każ R 150/2014-5

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- l-UASI ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod xieraq il-provi prodotti mill-applikant;
- l-UASI ikkunsidrat b'mod żbaljat ir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta Marzu 2015 – Rotkäppchen – Mumm Sektkellereien vs UASI – Ruiz  
Moncayo (RED RIDING HOOD)**

**(Kawża T-128/15)**

(2015/C 171/37)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Rotkäppchen – Mumm Sektkellereien GmbH (Freiburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: W. Berlit, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Alberto Ruiz Moncayo (Entrena, Spanja)